MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 586/2002/1

**Emanuel Delicata & Sons Ltd**

**Vs**

**Philip Degiorgio**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm401.68), prezz ta' merkanzija mibjugha lilu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Katya Azzopardi in rapprezentanza tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut. Ra wkoll il-prospett ezebit a fol. 34 tal-process.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erbgha mija u lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm401.68), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------